IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru.20 (Għoxrin) tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fil-Librerija tal-Kunsill nhar it-Tlieta 16ta' Diċembru, 2014, fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Viċi Sndku | Neil Attard |
| Il-Kunsilliera | Joe Azzopardi<br>Mary Doris Borg<br>Antonia Buttiġieġ |
| Ambaxxatur taż-Żgħażagħ | Nicolae Demajo (Skużat) |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji. Kulħadd preżenti.

2. Item Nru 2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti ta' qabel – Il-minuti ġew moqrija u approvati unanimament.

3. Item Nru 3 fuq l-Aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-Laqgħa ta' qabel:

3.1 Knis - Is-Sindku qal li hu tkellem mal-kuntrattur u ġie deċiż li l-kennies li għandna assenjat fix-Xgħajra jiġi mibdul fil-bidu tas-sena d-dieħla. Dan minħabba diversi lmenti li jidħlu l-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din id-deċizjoni.

Is-Sindku qal li diversi lmenti ta' ħmieġ fit-toroq qegħdin jidħlulna fi Triq Orlando Zabbar fejn hemm familja partikolari li qed iħammġu l-area kollha b'karti ta' ħelu u kull tip ta' skart. Għalhekk is-Sindku ppropona li nkellmu lil tas-sanita' sabiex jiġu fuq il-post u jwissu lil din il-familja biex ma jibqgħux iħammġu. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-mozzjoni.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

3.2 Ġbir ta' skart residenzjali. Is-Sindku qal li għad għandna skips neqsin fosthom fejn il-Milord u oħra lejn Smart City. Apparti hekk ġie miftiehem li nwissu lil kuntrattur biex il-ġbir jibda' jsir wara s-7.30am u mhux qabel.

3.3 Triq iċ-Ċern. Is-Sindku qal li fuq il-problema ta' din it-triq is-Segretarju baghat lil Trasport Malta bir-risposta tal-Kunsill. Fuq din it-Triq ukoll is-Sindku fakkar fuq l-applikazzjoni li għamilna mar-Regjun sabiex jiġu nstallati CCTV fil-parti ta' fuq u qal li l-applikazzjoni qed tiġi pproċessata.

3.4 Is-Sindku qajjem il-punt li diversi uffiċjali mill-Ministeru ta' Joe Mizzi m'humiex jagħtuna s-servizz li mistenni. Dan wara l-emails li qegħdin nibgħatulhom u diversi reminders li mhux qed jingħataw attenzjoni. Għalhekk is-Sur Valvo qal li issa wasal iż-żmien li nibgħatu ittra lill-Ministru sabiex ngħarrfuh b'dan u biex jittieħdu l-passi neċessarji.

4. Item Nru 4 Fuq l-Aġenda – Korrispondenza

4.1 Is-Sur Valvo qal li rċevejna korrispondenza minn Trasport Malta u talbuna biex nindividwaw toroq li għadhom mhux asfaltati sabiex jiġu kkunsidrati fil-pjan li jmiss. Il-Kunsill baghat lista b'sitt toroq ġodda.

5. Item Nru 5 fuq l-Aġenda –Approvazzjoni tal-Infieq

5.1 Il-Pagamenti ġew approvati b'erbgħa voti favur u astensjoni

6. Item Nru. 6 fuq l-Aġenda - Xogħol madwar ix-Xgħajra

6.1 Sqaq Ras il-Gebel – Is-Segretarju qal li mill-Kunsill intbagħatu diversi emails u reminders lis-Sur Edric Micallef pero' għadna mingħajr risposta. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa fuq il-post mar-residenti sabiex naraw jekk isibux oġġezzjoni li jsiru r-rampi. Jekk jintlaħaq ftehim ir-rampi jsiru mill-ħaddiema assenjati mall-Kunsill.

6.2 Is-Sindku tkellem fuq il-problema tal-ilma li qiegħed jinġema' f' Dawret ix-Xatt quddiem il-Joe Joes.
Il-Kunsill qabel unanimament li niktbu lil Public Works sabiex niltaqgħu fuq il-post u naraw kif jistagħu jirrangawha.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Attivitajiet Kulturali

7.1 Attivita' tal-Milied – Is-Segretarju qal li għandna l-approvazzjoni mid-Dipartiment sabiex inkunu nistgħu norganizzaw attivita' tal-Milied fix-Xgħajra. Is-Segretarju qal lil Kunsilliera biex min għandu xi ideat jista' jinfurmana bihom. Il-Kunsill qabel li din l-attivita ssir fid-29 ta' Diċembru.

Is-Sindku ppropona li għal dakinhar tal-attivita' tal-Milied nippreżentaw rikonoxximent lil Salvatore Micallef tal-ħidma tiegħu volontarja li jagħmel. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-mozzjoni.

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

8.1 Is-Segretarju attenda għal laqgħa fuq it-tema ta' Attivitajiet kulturali u nforma lil Kunsill li din is-sena l-Gvern ser jaċċetta biss applikazzjonijiet li ser jagħmlu ġieh lil Valletta 2018 u li jattiraw it-turisti.

9. Item Nru. 9 fuq l-Aġenda - Aġġornament

9.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornament għal-Erbgħa, 21 ta' Jannar, 2015 fis-6.00pm

Segretarju Eżekuttiv

Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt